**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 23 ta' Frar 2017**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 17/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Ramon Fenech**

**Il-Qorti:**

**1.** Din hija sentenza dwar żewġ appelli (wieħed ta' l-akkużat u ieħor ta' l-Avukat Ġenerali) minn sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija minn dik il-Qorti fit-2 ta' Ġunju 2016 dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' l-akkużat.

**2.** Ramon Fenech kien akkużat permezz ta' Att ta' Akkuża ppreżentat mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Ottubru 2014 (nru 17/2014) li (1) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga ecstasy jew iktar speċifikatament 3,4-Methylenedioxymethamphetamine 4 (MDMA) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-

imsemmija droga għall-bejgħ kontra l-liġi; (2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga ecstasy magħrufa wkoll bħala MDMA (3,4-Methylenedioxymethanphetamine) kontra l-liġi;

**3.** Permezz tar-rikors ta' appell tiegħu ppreżentat fis-6 ta' Ġunju 2016, l-akkużat talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma laqgħetx il-ħames eċċezzjoni minnu sollevata u tikkonfermaha fil-bqija.

**4.** Permezz tar-rikors tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2016 l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tbiddel u tirriforma l-istess sentenza, billi: (a) thassarha limitatament f'dik il-parti fejn laqgħet ir-raba' eċċezzjoni mqajjma mid-difiża fir-rigward tal-inammissibilita` tal-ewwel stqarrija tal-akkużat rilaxxata nhar-it 2 ta' Awwissu 2005 u minflok tirriforma s-sentenza billi tiddikjara l-imsemmija stqarrija ammissibbli fil-kors tal-ġuri u skont il-liġi filwaqt illi (b) tikkonfermaha fil-kumplament tagħha.

**5.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet ippreżentata fis-27 ta' Ottubru 2014 l-akkużat Ramon Fenech eċċepixxa, f'dawk l-eċċezzjonijiet deċiżi li minnhom ġew interposti l-appelli hawn in eżami, u cioe` fir-raba' u fil-ħames eċċezzjonijiet tiegħu:

> "(4) Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-inammissibilita` ta' l-ewwel stqarrija ta' l-eccipjent in kwantu mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat;
>
> "(5) Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-inammissibilita` tax-xihdiet ta' Simon Linton Sancto kemm fl-inkjesta magisterjali kif ukoll fil-kumpilazzjoni in kwantu fil-mument li nghatat kellu jitqies bhala "ko-akkuzat" fit-termini tal-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza taghna".

**6.** Din il-Qorti sejra issa tirreferi għall-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata li tagħhom qed tintalab ir-riforma:

> "Illi fir-raba' eccezzjoni minnu imressqa l-akkuzat jinsisti illi l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fit-2 ta' Awwissu 2005 hija inammissibbli u dan billi ttiehdet minghajr l-assistenza ta'avukat. Illi l-Avukat Generali minn naha tieghu jikkontendi illi gjaldarba dik l-istqarrija giet rilaxxjata skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien ma hemm xejn irregolari fiha. Oltre hekk billi l-akkuzat ma qanqal l-ebda lanjanza kostituzzjonali fir-rigward, din il-Qorti hija prekluza milli tittratta din il-kwistjoni billi hija materja li tezorbita l-kompetenza taghha.
>
> "Illi mal-ewwel din il-Qorti tistqarr li ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Generali. Dan ghaliex din il-Qorti ma tistax tinjora principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-

Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda fuq kollox ghandu isib applikazzjoni u ghalhekk jigi estiz ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe` ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta' l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna fejn il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

"Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita` tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta`, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita` da parti ta' l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita` ta' l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn. Dan il-hsieb izda gie mibdul mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza recenti fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza fit-03 ta' Mejju 2016 fejn inghad hekk:

"'**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.'**

"U ghalhekk waslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:

"'**…. il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija.'**

"Issa xi ighidu dawn id-decizjoni recenti[1] moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem?

"'**Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

[1] Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

**"'The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6.'**

"Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6:

**"'60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**"'61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**"'62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**"'63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'**

"Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[2] ighid hekk fl-opinjoni tieghu:

"**'the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". …. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz.'**

"Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: –

"**'The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance.'**

"Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).

[2] Ara partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni Mario Borg vs Malta

"Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)[3] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

**"'31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**

**"'32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**"'33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>.'** (sottolinjar tal-Qorti)

"Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[4] gie deciz:

**"'La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des process verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après**

[3] Dayanan vs Turkey – 7377/03 deciza 13/10/2009

[4] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the'questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above) . The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention.

**le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention.'**

"Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna akkuzata illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[5] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

" '…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, <u>hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements</u>. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose.'

"Illi wahda mill-provi li jinsabu fl-atti kumpilatorji hija stqarrija rilaxxjata mill-akkuzat fit-02 ta' Awwissu 2005 meta allura il-ligi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Illi minn qari ta' l-istess stqarrija jirrizulta illi l-akkuzat ghamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji minghajr ma kiseb preventivament il-parir legali u dan ghaliex kif inghad dan il-jedd ma kienx jezisti fil-ligi vigenti f'dak iz-zmien. Il-Qorti allura ma tistax hlief tordna illi dina l-istqarrija tigi imwarrba bhala prova u ma tingiebx a konjizzjoni tal-gurati u dan meta l-kaz tal-akkuzat jibda jinstema minn din il-Qorti bil-gurija.Ghaldaqstant din ir-raba eccezzjoni qed tigi milqugha.

"Sorvolati dawn iz-zewg eccezzjonijiet jifdal biex jigu ikkunsidrati l-hames u is-sitt eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat. Illi l-hames eccezzjoni tolqot ix-xhieda guramentata tax-xhud tal-prosekuzzjoni Simon Linton Sancto u ix-xhieda moghtija minnu fil-kors tal-kumpilazzjoni billi fil-fehma tad-difiza tali xhieda hija inammissibli in kwantu fil-mument li nghatat dan ix-xhud kellu jitqies bhala ko-akkuzat fit-termini tal-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza taghna, billi f'dak iz-zmien il-kaz tieghu kien ghadu ma ghaddiex in gudikat. Illi mill-atti kumpilatorji johrog illi Simon Linton Sancto kien *a tempo vergine*, u cioe` fit-30 ta' Settembru 2010, offra x-xhieda tieghu fit-termini ta' l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll iddepona *viva voce* quddiem il-Qorti

[5] 02/07/2015 – 34373/13

Istruttorja fis-16 ta' Frar 2011. Il-kaz tieghu, imbaghad gie deciz u ghadda in gudikat fil-21 ta' Frar 2011.

"Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 jipprovdi espressament illi: ***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."***

"Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"*[6]

"Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`: ***"Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkużat."***

"Issa allura dan ifisser illi ai termini ta' l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 Simon Linton Sancto ghandu jitqies illi huwa 'a competent witness' fil-konfront ta' l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huwa offra id-deposizzjoni tieghu kien ghadu jitqies bhala ko-akkuzat billi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz tieghu gie deciz Sancto ma kienx 'a compellable witness' u cioe` ma setax jigi imgieghel jaghti id-deposizzjoni tieghu billi kellu id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-

[6] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

Bniedem illi ma iwiegeb ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminah. Fil-fatt meta huwa offra id-deposizzjoni tieghu fis-16 ta' Frar 2011, huwa gie moghti it-twissija skont il-ligi, izda ghazel li jaghti x-xhieda tieghu fejn anke ikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni guramentata li kien offra fit-30 ta' Settembru 2010 ai termini ta' l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31. F'din is-seduta l-akkuzat kien prezenti u kellu kull dritt jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji ai fini ta' kontroll ta' dak li kien qed ighid ix-xhud u dan fit-termini ta' dak superjorment deciz fil-kawza *supra citata* Il-Pulizija vs Pierre Gravina. Di piu`, issa li l-kaz tax-xhud Sancto gie deciz u ghadda in gudikat ma hemm xejn x'josta lil dan ix-xhud milli joffri id-deposizzjoni tieghu fl-istadju tal-guri u dan dejjem bil-kawteli stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser allura illi ix-xhieda ta' Sancto ma tista' qatt titqies bhala xhieda inammissibbli fit-termini tal-ligi. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda."

**7.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Avukat Ġenerali") jirrigwarda r-raba' eċċezzjoni ta' l-appellant Fenech li ġiet milqugħa mill-ewwel Qorti, u li b'hekk ordnat li l-istqarrija tat-2 ta' Awwissu 2005 tigi imwarrba bhala prova u ma tingiebx a konjizzjoni tal-gurati. L-Avukat Ġenerali jgħid:

"Illi fir-rigward tar-raba' eccezzjoni din giet milqugha mill-Onorabbli Qorti Kriminali stante li l-istess Qorti strahet fuq gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn gie stabbilit li stqarrijiet moghtija minghajr assistenza legali jilledu d-drittijiet sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi filwaqt li l-Qorti Ewropeja sabet lezjoni ta' smiegh xieraq taht l-Artikolu 6, madanakollu l-istess artikolu ma jidholx fil-mertu dwar l-ammissibilita` ta' provi o meno, galadarba tali regoli huma kristallizzati fil-Ligi domestika in ottemperanza mal-obbligi li jemanu mill-Konvenzjoni Ewropeja nnifisha kif ukoll dwar l-obbligu fuq l-Istat li kull persuna akkuzata b'reati kriminali ghandu jinghata smiegh xieraq dejjem in ottemperanza mal-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni. Madanakollu hija r-responsabilita` tal-Istat sabiex jistabilixxi l-kweziti procedurali li fl-ahhar mill-ahhar jiggarantixxu l-jedd ta' kull persuna ghal smiegh xieraq. Kwindi l-Qorti Ewropeja ma qalitx li l-istqarrijiet mehuda minghajr l-assistenza legali huma inammissibbli u ghalhekk ghandhom jigu bilfors skartati. Il-Qrati domestici ghaldaqstant zviluppaw numru ta' linji gwida sabiex jassiguraw li fi procedimenti kriminali fejn l-istqarrija tkun giet rilaxxata minghajr l-assistenza legali l-jeddijiet sanciti fl-Artikolu 6 ma jigux lezi.

"Illi fil-kaz odjern l-istqarrija li ta Ramon Fenech nhar it-2 ta' Awwissu 2005 quddiem l-Ispettur Pierre Grech, ittiehdet skont il-ligi vigenti dak iz-zmien, tenut kont ukoll ta' dak li jistipola l-Artikolu 658 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandha titqies valida, galadarba ukoll li tali validita` ma gietx kontestata tul il-proceduri kontra l-akkuzat. Dan l-artikolu jistipola li dak kollu li jistqarr l-imputat bil-miktub jew bil-fomm tista' tingieb bhala prova kontrih galadarba jkunu ittiehdu volontarjament, minghajr ma l-imputat ma jkun imgieghel, mhedded jew imwieghed b'xi vantaggi. Dan il-fatt qatt ma gie

kontestat mill-imputat f'dan il-kaz. Illi f'dan il-kuntest irid jittiehed qies ukoll tal-fatt li fl-2005 kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi dwar id-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat qabel it-tehid tal-istqarrija fil-Ligi domestika;

"Illi inoltre, il-gurisprudenza recenti rigward l-ammissibilita` ta' l-istqarrija li tkun ittiehdet minghajr d-dritt ta' assistenza legali turina li stqarrija li hija korroborata minn provi validi ohra m'ghandhiex tigi awtomatikament imwarrba ghax l-imputat ma jkunx inghata access ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Il-Qrati nostrani hargu numru ta' linji gwida li l-Qorti Kriminali stess fis-sentenza taghha, f'pagna 7, irreferiet ghalihom bhala gwida li jaghtu *interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens*. Kwindi hemm numru ta' fatturi li jridu jigu konsiderati fosthom jekk l-imputat kienx persuna vulnerabbli ghal certu pressjonijiet bhal persuni ta' taht l-eta` u jekk hemmx provi ohra li jaghtu sostenn ghal veracita` ta' dak li hemm mistqarr fl-istqarrija. Fis-sentenza ta' Salduz il-Qorti Ewropeja ma qalitx li kwalunkwe stqarrija fejn ma inghatax id-dritt ta' assistenza legali trid tigi bilfors skartata, izda qalet li wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni fatturi ohra qabel tittiehed id-decizjoni jekk tigix skartata jew le l-istqarrija.

"Fatturi bhal jekk l-istqarrija kinitx wahedha l-fattur determinanti ghas-sejbien ta' htija. Illi l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza ta' **Il-Pulizija vs. Alvin Privitera** li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 2013. Hawnhekk il-Qorti f'pagna 7 tas-sentenza qalet illi *'il-partijiet iddikjaraw illi l-unika prova illi kien hemm fil-konfront ta' l-appellant kienet propju l-istqarrija tieghu u dan gieghel lill-Ewwel Qorti allura tasal ghal-liberatorja peress illi fin-nuqqas ta' provi ma kellha xejn fuq xiex torbot lill-appellat ma' l-akkuzi migjuba kontra tieghu.'* Din kienet ir-raguni ghaliex il-Qorti ma kkunsidratx l-istqarrija ta' l-imputat u cioe` li ma kienx hemm provi ohra li jistghu jikkorroboraw ma' dak li stqarr l-imputat u ghalhekk sejbien ta' htija kienet tkun *unsafe and unsatisfactory* f'dan il-kaz. Infatti f'pagna 8, il-Qorti kkonkludiet illi la *'l-istqarrija kienet l-unika prova illi l-prosekuzzjoni kellha fil-konfront ta' l-appellat, l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.'* L-esponent pjenament jikkondividi din il-linja ta' hsieb. Ghalhekk a kuntrarju sensu, galadarba fil-kaz odjern l-istqarrija hija korroborata bi provi ohra, din l-istqarrija certament li m'ghandhiex tigi skartata, specjalment galadarba din ma tkunx il-fus determinanti ghas-sejbien ta' htija fl-appellant, iktar u iktar li l-kaz ghad irid jinstema;

"Fic-cirkostanzi odjerni dan certament mhuwiex il-kaz, galadarba ghadha ma nstabet l-ebda htija u l-kaz ghad irid jinstema quddiem il-Qorti Kriminali! Wiehed irid jiftakar li l-kawzi ta' Salduz vs. Turkey u Borg vs. Malta jirreferu ghal procedimenti kriminali fejn kienet instabet il-htija fl-akkuzati abbazi tal-istqarrijiet li kienu irrilaxxjaw l-istess. Fil-kaz ta' Salduz kienet iktar gravi galadarba l-akkuzat kien minorenni u l-istqarrija kienet ittiehdet *under duress* u allura certament li mhux skont il-ligi vigenti fil-pajjiz. Inoltre l-gravita` hija iktar u iktar amplifikata meta wiehed iqis l-ambitu politiku tal-istess kaz li fihom infushom ukoll jissarfu fi pressjoni/*duress* specjalment f'persuna ta' eta` tenera (bhal ma kien Salduz). Fil-kaz odjern m'ghandniex sitwazzjoni ta' *res judicata* bhal ma kien hemm f'dawn il-kawzi quddiem il-Qorti Ewropeja. Illi fatturi ohra

stabbiliti f'dawn il-linji gwida jinkludu l-vulnerabilita` tal-appellant, jekk il-provi prodotti jikkorroborawx dak li qal l-imputat fl-istqarrija u jekk l-imputat cahadx quddiem il-Qorti dak li sostna fl-istqarrija. Fil-kaz odjern l-imputat ma kienx persuna ta' taht l-eta` vulnerabbli meta rrilaxxa l-istqarrija u l-provi prodotti jikkorroboraw dak li qal fl-istqarrija tieghu;

"Din il-linja ta' hsieb giet ukoll abraccjata fis-sentenza ta' **Charles Stephen Muscat vs. Avukat Generali** mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012. Hawnhekk il-Qorti Kostituzzjonali stabilixxiet il-kejl li jrid jintuza meta trid tigi determinata l-**a**mmissibilita` o meno ta' l-istqarrija fil-kazijiet fejn ma kienx ikun inghata jedd ghall-access ghal assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Il-Qorti f'pagna 18 tas-sentenza qalet hekk: *'Fil-kaz tallum l-attur kien ragel matur li ga` kien qieghed jiskonta sentenza fil-facilita` korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija ghamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-habs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Ghalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal ghal sejbien ta' ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fil-kazijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino, fejn il persuna interrogate kienet ghadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera, fejn il persuna interrogate kienet ilha biss erba' xhur li ghalqet it-tmintax-il sena.'*

"Illi ghaldaqstant l-esponent Avukat Generali qed jissottometti illi din ir-raba' eccezzjoni tad-difiza ma kellhiex tintlaqa' u ghaldaqstant kellha tigi michuda u dan stante r-ragunijiet hawn fuq premessi kif ukoll dawk ir-ragunijiet li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-Appell."

**8.** Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju ta' l-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[7] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

"1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of

[7] 12th January 2016.

the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see *Salduz*, cited above, § 55).

"3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

"....

"4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz,* cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

"5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz,* cited above, §§ 52, 55 and 56).

"6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."

**9.** Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb'oħra kkunsidrat il-kwistjoni f'diversi okkażjonijiet[8]. F'**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

**"17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

[8] Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta' Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta' Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta' Ġunju 2016; **Aaron Cassar vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta' Lulju 2016.

**"18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.**

**"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[9] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**10.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**11.** Fil-każ in eżami, Ramon Fenech kien ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma ngħata aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Huwa b'hekk irrilaxxja stqarrija (l-ewwel stqarrija tiegħu li dwarha ntavola l-eċċezzjoni in eżami[10]) fit-2 ta' Awwissu 2005 mingħajr tali assistenza.

---

[9] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

[10] Fis-17 ta' Mejju 2009 Ramon Fenech irrilaxxja stqarrija oħra li dwarha ma ngħatat l-ebda eċċezzjoni.

**12.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lil Ramon Fenech ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**13.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrija in kwistjoni ttieħdet bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta' akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[11]

**14.** Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax akkoljiment.

**15.** L-aggravju ta' l-appellant Ramon Fenech (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant Fenech"), kif ingħad, jirrigwarda l-ħames eċċezzjoni tiegħu fejn eċċepixxa l-inammissibilita` tax-xihdiet ta' Simon Linton Sancto kemm fl-inkjesta magisterjali kif ukoll fil-kumpilazzjoni peress li fil-mument li ngħataw kellu jitqies bħala "ko-akkużat" fit-termini tal-liġi kif interpretata mill-ġurisprudenza tagħna. L-appellant Fenech jgħid:

> "Illi fil-parti relattiva tas-sentenza appellata l-Onorabbli Qorti Kriminali ghamlet ampja referenza ghall-iskop ta' l-artikolu 121B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-fatt li din id-disposizzjoni tidderoga mill-principju generali msemmi fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali u anke ghamlet referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg. L-esponent itenni minghajr tlaqliq li l-Qorti Kriminali kienet korretta fl-esposizzjoni tal-ligi u l-interpretazzjoni li nghatat lid-disposizzjonijiet imsemmija. L-esponent jaqbel ukoll ma' dak deciz fis-sentenza appellata li galadarba l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Simon Linton Sancto huma llum definittivament decizi, ix-xhud huwa *'a competent and compellable witness'* u li 'ma hemm xejn x'josta lil dan ix-xhud milli joffri d-deposizzjoni tieghu fl-istadju tal-guri'.
>
> "Illi, pero`, l-eccezzjoni minnu sollevata tipprexxindi kompletament minn dawn il-principju ben stabbiliti u inkontestati. Skond dottrina u gurisprudenza kostanti mill-paragrafu (b) ta' l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, li qatt ma ssemma fis-sentenza appellata, ghandu jigi *a contrario sensu* dedott li persuna akkuzata bil-partecipazzjoni f'reat mhix producibbli biex tixhed kontra haddiehor akkuzat bl-istess reat. L-ostakolu ghall-produzzjoni ta' ko-imputat ma hiex proprjament il-fatt li huwa jkun ha parti fil-kommissjoni tar-reat, imma l-fatt li huwa jkun ghadu passibbli ta' piena, u minhabba f'hekk interessat jew inklinat li jaltera l-verita` biex jahbi jew inaqqas ir-responsabilita` tieghu billi jakkollaha fuq l-akkuzat

[11] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

(vide, *inter alia*, is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Toni Pisani*** *(11.11.1944 — Kollez. XXXII.iv.792)* u *Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Penale*, Giuseppe Cremona, 1935, p. 700).

"Illi, kif gja` nghad, fis-sentenza appellata ma saret ebda referenza ghal din id-disposizzjoni u wisq anqas ghall-interpretazzjoni li dejjem inghatat mill-Qrati. Il-hames eccezzjoni ta' l-esponent hija msejjsa fuq din l-interpretazzjoni in kwantu Sancto kien certament interessat jew inklinat li jaltera l-verita` biex jahbi jew inaqqas ir-responsabilita` tieghu billi jakkollaha fuq l-esponent. Terga' tali principju ghandu jigi mhaddan b'iktar forza f'kazijiet ta' droga fejn l-istruttura ta' dawn il-ligijiet specjali hija tali li tamplifika il-perikolu msemmi.

"Illi ghalhekk, galadarba l-istqarrija guramentata u x-xiehda ta' Simon Linton Sancto nghataw fi zmien meta l-kaz tieghu kien ghadu ma ghaddiex in gudikat, ghandhom jigu dikjarati inammissibbli."

**16.** Hawn din il-Qorti sejra tirreferi fl-ewwel lok għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Paul Muscat** fejn kienet ġiet eċċepita l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet ġuramentati ta' żewġ persuni kompliċi peress li ma xehdux fl-Istruttorja u l-artikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. F'dik is-sentenza ġie osservat hekk:

**"... Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura l-akkużat ma jkollu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda, l-istqarrijiet ġuramentati tagħhom ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.**

**"9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq is-segwenti punti:**

**- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.**
**- ix-xhieda għandhom jinstemgħu *viva voce* (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).**
**- fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.[12]**
**- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali."**

[12] Ara, per eżempju, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Barbara**, 17 ta' Jannar 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella**, 28 ta' Lulju 2011.

**17.** Fil-każ in eżami, peress illi d-droga in kwistjoni hi regolata mill-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa applikabbli l-artikolu 121B li, bħall-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, irendi l-imsemmi artikolu 121B eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss. Għalhekk, bħalma jipprovdi l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*", salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali.[13] Għalhekk ukoll, fejn ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**18.** Issa, fil-każ odjern, meta x-xhud Simon Linton Sancto xehed fl-Istruttorja, il-proċeduri kontra tiegħu kienu għadhom ma ġewx terminati. Jirriżulta li huwa mhux biss xehed fl-Inkjesta Maġisterjali iżda xehed anke minn rajh quddiem il-Qorti Istruttorja wara li ngħata twissija minn dik il-Qorti u l-akkużat kellu l-opportunita` li jikkontroeżaminah iżda minflok għażel li jirriserva (ara fol. 138 ta' l-atti ta' l-Istruttorja). Pero` din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia** dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard:

> **"L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**
>
> **" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

---

[13] Għalkemm bħalma osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Gravina** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003: "Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skond l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li tinstema' permezz ta' rogatorji."

**"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

**"Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx."**

**19.** F'dan il-kaz il-proċeduri kontra x-xhud Simon Linton Sancto għaddew in ġudikat, u huwa l-ħsieb tal-prosekuzzjoni li tipproduċieh bħala xhud. Konsegwentement il-posizzjoni hi li x-xiehda ġuramentata li huwa ta fl-Inkjesta Maġisterjali u dik li ta fl-Istruttorja hi issa ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront. Meta jiġi hekk prodott l-imsemmi Simon Linton Sancto, il-valur probattiv tax-xiehda mogħtija preċedentement minnu hi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Gravina** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 minn din il-Qorti fis-sede inferjuri tagħha:

**"L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[14] ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands**

[14] 661: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

**(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu**

**"*'does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.'* [15]"**

**20.** Naturalment jitfakkar ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.[16]

**21.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u, salv il-kjarifiki magħmula f'din is-sentenza, tiċħad ukoll l-appell ta' Ramon Fenech. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-appellant.

---

[15] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

[16] "Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."